SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

14 ta' Mejju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika tal-ażil – Protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2011/95/UE – Status ta' refuġjat – Artikolu 14(4) sa (6) – Rifjut ta' għoti jew revoka tal-istatus ta' refuġjat fil-każ ta' perikolu għas-sigurtà jew għall-komunità tal-Istat Membru ospitanti – Validità – Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 78(1) TFUE – Artikolu 6(3) TUE – Konvenzjoni ta' Genève"

Fil-Kawżi magħquda C-391/16, C-77/17 u C-78/17,

li għandhom bħala suġġett tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa, għall-Kawża C-391/16, min-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka), permezz tad-deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Lulju 2016, u, għall-Kawżi C-77/17 u C-78/17, mill-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju), permezz ta' deċiżjonijiet tat-8 ta' Frar 2017 u tal-10 ta' Frar 2017, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Frar 2017, fil-proċeduri

**M**

vs

**Ministerstvo vnitra** (C-391/16),

u

**X** (C-77/17)

**X** (C-78/17)

vs

**Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, A. Prechal, T. von Danwitz (Relatur), C. Toader, Presidenti ta' Awla, E. Levits, L. Bay Larsen, M. Safjan, D. Šváby, C. G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministrattriċi,

* Lingwi tal-kawża: iċ-Ċek u l-Franċiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Marzu 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal M, minn J. Mašek, advokát,

– għal X (C-77/17), minn P. Vanwelde u S. Janssens, avocats,

– għal X (C-78/17), minn J. Hardy, avocat,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u A. Brabcová, bħala aġenti,

– għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet, M. Jacobs u C. Van Lul, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u R. Kanitz, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. Armoët, E. de Moustier u D. Colas, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér, G. Koós, Z. Biró-Tóth u M. M. Tátrai, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn A. M. de Ree u K. Bulterman, bħala aġenti,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon, bħala aġent, assistit minn D. Blundell, barrister,

– għall-Parlament Ewropew, minn K. Zejdová, O. Hrstková Šolcová u D. Warin, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn E. Moro, A. Westerhof Löfflerová, S. Boelaert, M. Chavrier u J. Monteiro, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Šimerdová u M. Condou-Durande, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni kif ukoll il-validità tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9), li daħlet fis-seħħ fid-9 ta' Jannar 2012, fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE, tal-Artikolu 6(3) TUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tliet tilwimiet bejn, għall-ewwel waħda (Kawża C-391/16), M u l-Ministerstvo vnitra (il-Ministru għall-Intern, ir-Repubblika Ċeka), dwar id-deċiżjoni li tirrevoka d-dritt għall-ażil tiegħu, għat-tieni waħda (Kawża C-77/17), X u l-Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (il-Kummissarju Ġenerali għar-Refuġjati u l-Persuni mingħajr Stat, il-Belġju, iktar 'il quddiem il-"Kummissarju Ġenerali"), dwar id-deċiżjoni li tirrifjuta li tirrikonoxxi fil-konfront tiegħu l-istatus ta' refuġjat u li tagħtih il-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja, u, għat-tielet waħda (Kawża C-78/17), X u l-Kummissarju Ġenerali, dwar id-deċiżjoni li jitneħħielu l-istatus ta' refuġjat.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt internazzjonali*

3 Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)), daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève"). Din ġiet ikkompletata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967 (iktar 'il quddiem il-"Protokoll").

4 L-Istati Membri kollha huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Genève. Madankollu l-Unjoni Ewropea ma hijiex parti kontraenti għall-imsemmija konvenzjoni.

5 Il-preambolu tal-Konvenzjoni ta' Genève jinnota li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (HCR jew UNHCR) għandu l-kompitu li jissorvelja l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jiżguraw il-protezzjoni tar-refuġati u jipprevedi li l-Istati għandhom jimpenjaw lilhom infushom sabiex jikkooperaw mal-UNHCR fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u b'mod partikolari sabiex jiffaċilitaw il-kompitu tiegħu ta' sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti.

6 L-Artikolu 1(A) tal-imsemmija konvenzjoni jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din il-konvenzjoni, it-terminu 'refuġjat' għandu japplika għal kwalunkwe persuna:

[...]

2) Li, [...] minħabba f'biża' bir-raġun li tiġi ppersegwitata għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, appartenenza għal grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika partikolari, tkun barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha u li ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tixtieqx titlob il-protezzjoni ta' dak il-pajjiż; jew li, jekk ma jkollhiex nazzjonalità u tkun tinsab barra mill-pajjiż fejn qabel kellha r-residenza abitwali tagħha, minħabba f'dawn l-avvenimenti, ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tkunx trid tirritorna fih.

Fil-każ ta' persuna li għandha iktar minn nazzjonalità waħda, l-espressjoni 'pajjiż tan-nazzjonalità tagħha' tkopri kull wieħed minn dawn il-pajjiżi li tagħhom din il-persuna għandha n-nazzjonalità. Kull persuna li, mingħajr raġuni valida bbażata fuq tħassib iġġustifikat, ma tkunx talbet il-protezzjoni ta' wieħed mill-pajjiżi tan-nazzjonalità tagħha, ma titqiesx li ġiet miċħuda mill-protezzjoni tal-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 L-Artikolu 1(C) tal-Konvenzjoni ta' Genève jipprovdi:

"Fil-każijiet elenkati, din il-konvenzjoni ma tibqax tapplika fir-rigward ta' kull persuna li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-Sezzjoni A msemmija iktar 'il fuq:

1) Jekk hija b'mod volontarju tkun talbet mill-ġdid il-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità tagħha; jew

2) Jekk, wara li tkun tilfet in-nazzjonalità tagħha, hija tkun kisbitha mill-ġdid b'mod volontarju; jew

3) Jekk hija tkun kisbet nazzjonalità ġdida u tgawdi mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità ġdida tagħha; jew

4) Jekk hija tkun irritornat b'mod volontarju fil-pajjiż li minnu tkun telqet jew fejn tkun baqgħet tgħix barra minnu minħabba biża' ta' persekuzzjoni; jew

5) Jekk, peress li ċ-ċirkustanzi li fihom hija tkun ġiet irrikonoxxuta bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, hija ma tkunx tista' tkompli tirrifjuta li titlob il-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità tagħha;

[…]

6) Fir-rigward ta' persuna li ma jkollhiex nazzjonalità, jekk, peress li ċ-ċirkustanzi li fihom hija tkun ġiet irrikonoxxuta bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, hija tkun tista' tirritorna fil-pajjiż fejn kellha r-residenza abitwali tagħha;

[…] [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

8 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1(D) ta' din il-konvenzjoni jiddikjara:

"Din il-konvenzjoni ma għandhiex tapplika għal persuni li attwalment igawdu minn protezzjoni jew assistenza minn organu jew istituzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti minbarra l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Protezzjoni u l-Assistenza tar-Refuġjati." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9 L-Artikolu 1(E) tal-imsemmija konvenzjoni jipprevedi:

"Din il-konvenzjoni ma hijiex applikabbli għal persuna meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn għandha r-residenza abitwali tagħha bħala li għandha d-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta' dan il-pajjiż." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

10 L-Artikolu 1(F) tal-istess konvenzjoni huwa fformulat kif ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni ma humiex applikabbli għall-persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġuni serja li jiġi ssuspettat li:

a) ikunu wettqu reat kontra l-paċi, reat tal-gwerra, jew reat kontra l-umanità, kif iddefiniti fl-istrumenti internazzjonali mfassla sabiex jipprovdu dispożizzjonijiet relatati ma' dawn ir-reati;

b) ikunu wettqu reat serju mhux politiku barra l-pajjiż ospitanti qabel ma ġew aċċettati bħala refuġjati;

c) saru ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Genève:

"L-Istati kontraenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni għar-refuġjati mingħajr diskriminazzjoni abbażi tar-razza, tar-reliġjon jew tal-pajjiż ta' oriġini." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 L-Artikolu 4 ta' din il-konvenzjoni jipprovdi:

"L-Istati kontraenti għandhom jipprovdu lir-refuġjati fit-territorju tagħhom trattament daqstant favorevoli għal dak mogħti liċ-ċittadini f'dak li jirrigwarda l-libertà li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom u f'dak li jirrigwarda l-libertà ta' tagħlim reliġjuż ta' uliedhom." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

13 L-Artikolu 16(1) tal-imsemmija konvenzjoni jipprevedi:

"Kull refuġjat għandu jkollu, fit-territorju tal-Istati kontraenti, aċċess liberu u faċli quddiem il-qrati." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

14 L-Artikolu 22(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève jistipula:

"L-Istati kontraenti għandhom jagħtu lir-refuġjati l-istess trattament bħal dak mogħti liċ-ċittadini nazzjonali f'dak li jirrigwarda t-tagħlim primarju." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

15 Skont l-Artikolu 31 ta' din il-konvenzjoni:

"1. L-Istati kontraenti ma għandhomx japplikaw sanzjonijiet kriminali, minħabba dħul jew residenza irregolari, fil-konfront ta' refuġjati li, direttament provenjenti mit-territorju fejn ħajjithom jew il-libertà tagħhom kienet mhedda fis-sens previst mill-Artikolu 1, jidħlu jew ikunu jinsabu fit-territorju ta' dawn l-istati mingħajr awtorizzazzjoni, kemm-il darba dawn jippreżentaw ruħhom mingħajr dewmien quddiem l-awtoritajiet u jagħtu raġunijiet validi għad-dħul irregolari jew għall-preżenza irregolari tagħhom.

2. L-Istati kontraenti għandhom japplikaw għall-movimenti ta' dawn ir-refuġjati biss dawk ir-restrizzjonijiet li huma neċessarji; dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu applikati biss sakemm l-istatus ta' dawn ir-refuġjati fil-pajjiż ospitanti jiġi rregolarizzat jew sakemm dawn jiġu aċċettati f'pajjiż ieħor. Għall-finijiet ta' din l-ammissjoni tal-aħħar, l-Istati kontraenti għandhom jagħtu lil dawn ir-refuġjati żmien raġonevoli u l-faċilitajiet kollha neċessarji." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

16 L-Artikolu 32 tal-imsemmija konvenzjoni jipprevedi:

"1. L-Istati kontraenti jistgħu biss ikeċċu refuġjat li jinsab legalment fuq it-territorju tagħhom għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ta' ordni pubbliku.

2. It-tkeċċija ta' dan ir-refuġjat għandha ssir biss fuq eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija konformement mal-proċedura prevista mil-liġi. Ir-refuġjat għandu jitħalla, ħlief fil-każ ta' raġunijiet imperattivi ta' sigurtà nazzjonali, jipproduċi provi li jeżonerawh, jippreżenta rikors u jiġi rrappreżentat għal dan l-għan quddiem awtorità kompetenti jew quddiem persuna jew diversi persuni speċjalment maħtura mill-awtorità kompetenti.

3. L-Istati kontraenti għandhom jagħtu lil tali refuġjat terminu raġonevoli sabiex ikun jista' jipprova jidħol b'mod regolari f'pajjiż ieħor. L-Istati kontraenti jistgħu japplikaw, matul dan it-terminu, tali miżura ta' natura interna li jidhrilhom li hija xierqa." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

17 L-Artikolu 33 tal-istess konvenzjoni jipprovdi:

"1. Ebda Stat Kontraenti ma għandu jkeċċi jew jissuġġetta għal refoulment, bi kwalunkwe mod, lil refuġjat fuq il-fruntieri tat-territorji fejn ħajtu jew il-libertà tiegħu jkunu mhedda minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, iċ-ċittadinanza tiegħu, l-appartenenza tiegħu fi grupp soċjali, jew minħabba l-fehmiet politiċi tiegħu.

2. Madankollu din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata minn refuġjat li għal raġunijiet serji jitqies bħala perikolu għas-sigurtà tal-pajjiż fejn huwa jkun preżenti jew li, minħabba li kien suġġett għal kundanna definittiva għal reat jew delitt partikolarment serju, jikkostitwixxi perikolu għall-komunità ta' dak il-pajjiż." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

18 Skont l-Artikolu 42(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève:

"Fil-mument tal-firma, tar-ratifika jew tal-adeżjoni, kull Stat jista' jagħmel riżervi għad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni, minbarra fir-rigward tal-Artikoli 1, 3, 4, 16(1), 33, 36 sa 46 inklużi." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

***Id-dritt tal-Unjoni***

*Id-Direttiva 2011/95*

19 Id-Direttiva 2011/95, adottata abbażi tal-Artikolu 78(2)(a) u (b) TFUE, ħassret id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

20 Il-premessi 3, 4, 10, 12, 16, 17, 21, 23 u 24 tad-Direttiva 2011/95 huma fformulati kif ġej:

"(3) Il-Kunsill Ewropew fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 ftiehem li jaħdem sabiex jistabbilixxi Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklussiva tal-[Konvenzjoni ta' Genève], kif supplimentata mill-[Protokoll] u li b'hekk tafferma l-prinċipju ta' non-refoulement u tiżgura li ħadd ma' jintbagħat lura għal persekuzzjoni.

(4) Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll jipprovdu l-cornerstone tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni ta' refuġjati.

[…]

(10) Fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet li ttieħdu, hu xieraq, f'dan l-istadju, li jiġu kkonfermati l-prinċipji bażi tad-Direttiva [2004/83] kif ukoll biex jinkiseb livell ogħla ta' approssimazzjoni tar-regoli dwar rikonoxximent u kontenut tal-protezzjoni internazzjonali fuq il-bażi ta' standards ogħla.

[…]

(12) L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa, mill-banda waħda, li jiżgura li Stati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, mill-banda l-oħra biex jiżgura li livell minimu ta' benefiċċju huwa disponibbli għal dawn il-persuni fl-Istati Membri kollha.

[…]

(16) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-[Karta]. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-ażil għal applikanti u għall-membri tal-familja li jakkompanjawhom u sabiex tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 7, 11, 14, 15, 16, 18, 21, 24, 34 u 35 ta' dik il-Karta u għandha għalhekk tiġi implimentata kif meħtieġ.

(17) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom jagħmlu parti u li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni.

[…]

(21) L-għarfien ta' stat ta' refuġjat huwa att dikjaratorju.

[…]

(23) Livelli stabbiliti minimi għad-definizzjoni u l-kontenut ta' stat ta' refuġjat għandhom jiġu preskritti sabiex jiggwidaw il-korpi nazzjonali kompetenti ta' l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

(24) Hu meħtieġ li jiġu introdotti kriterji komuni sabiex jiġu rikonoxxuti applikanti għall-ażil bħala refuġjati skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra."

21 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2011/95:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għal refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija."

22 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) 'protezzjoni internazzjonali' tfisser l-istatus ta' refuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'punti (e) u (g);

b) 'benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali' tfisser persuna li ngħatat status ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'punti (e) u (g);

[…]

d) 'refuġjat' ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikat li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba dan il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'dan il-biża', ma tixtieqx tirritorna lejha, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għaliha;

e) 'status ta' refuġjat' ifisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala refuġjat;

[…]"

23 Il-Kapitolu II tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Eżami ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali", jinkludi l-Artikoli 4 sa 8 ta' din id-direttiva. Dawn l-artikoli jistipulaw ir-regoli li jippreskrivu lill-Istati Membri l-mod kif għandhom jiġu evalwati tali applikazzjonijiet.

24 Il-Kapitolu III tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Kwalifika biex wieħed ikun refuġjat", jinkludu l-Artikoli 9 sa 12 ta' din id-direttiva. B'mod iktar partikolari fir-rigward tal-Artikoli 9 u 10 tal-imsemmija direttiva, dawn jiddikjaraw rispettivament il-kundizzjonijiet sabiex att jitqies bħala att ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève, u l-punti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Istati Membri meta jevalwaw ir-raġunijiet għall-persekuzzjoni.

25 L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Terminazzjoni", jipprovdi:

"1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tieqaf milli jkun refuġjat, jekk hija:

a) approfittat ruħha mill-ġdid b'mod voluntarju mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità; jew

b) billi tkun tilfet in-nazzjonalità tagħha, reġgħet akkwistatha mill-ġdid b'mod voluntarju; jew

c) akkwistat nazzjonalità ġdida, u tgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità ġdida tagħha; jew

d) stabbiliet lilha nnifisha mill-ġdid b'mod voluntarju fil-pajjiż li hija tkun telqet minnu jew barra mill-liema hija tkun baqgħet minħabba biża' ta' persekuzzjoni; jew

e) ma tistax aktar, minħabba li ċ-ċirkostanzi li bihom hija tkun ġiet rikonoxxuta bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tkompli tirrifjuta milli tapprofitta ruħha mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità; jew

f) billi hija persuna mingħajr stat, hija tista', minħabba li ċ-ċirkostanzi li bihom hija ġiet rikonoxxuta bħala refuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tirritorna lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel."

2. […]

3. Il-punti (e) u (f) tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal refuġjat li jistà jinvoka raġunijiet b'saħħithom li joħorġu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li juża l-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat, tal-pajjiz tar-residenza abitwali ta' qabel."

26 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, intitolat "Esklużjoni", jipprevedi:

"1. Persuna li tkun ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun refuġjat, jekk:

a) hija taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li tirrigwarda l-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti apparti l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr ma l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma definittivament bi qbil mar-riżoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk il-persuni għandhom ipso facto jkunu intitolati għall-benefiċċji ta' din id-Direttiva;

b) hija tkun rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih hija tkun ħadet ir-residenza tagħha bħala li għandha d-drittijiet u l-obbligi li huma marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligi ekwivalenti.

2. Persuna li tkun ċittadina nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandha tiġi eskluża milli tkun refuġjat meta jkun hemm raġunijiet serji biex jitqies li:

a) hija kkommettiet delitt kontra l-paċi, delitt ta' gwerra, jew delitt kontra l-umanità, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;

b) hija kkommettiet delitt serju mhux politiku barra mill-pajjiż tar-refuġju qabel id-dħul tagħha bħala refuġjat; jiġifieri qabel il-mument tal-ħruġ ta' permess ta' residenza fuq il-bażi tal-għoti ta' stat ta' refuġjat; partikolarment azzjonijiet krudili, anke jekk kommessi b'għan allegatament politiku, jistgħu jiġu klassifikati bħala delitti serji mhux politiċi;

c) hija tkun instabet ħatja ta' atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stabbilit fil-Preambolu u l-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-paragrafu 2 japplika għal persuni li jxewxu jew inkella jipparteċipaw fit-twettiq tad-delitti jew atti msemmija fih."

27 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2011/95, intitolat "L-għoti ta' status ta' refuġjat", li jinsab fil-Kapitolu IV tagħha, intitolat "Status ta' Refuġjat", jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' refuġjat lil ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, li tikkwalifika bħala refuġjat bi qbil mal-Kapitoli II u III."

28 L-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Revoka ta', tmiem ta' jew ċaħda għat-tiġdid ta' status ta' refuġjat", li wkoll jinsab fil-Kapitolu IV tagħha, jipprovdi:

"1. Rigward applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali depożitati wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva [2004/83], l-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' refuġjat ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat mogħti minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju jekk hija tkun waqfet milli tkun refuġjat bi qbil mal-Artikolu 11.

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' refuġjat ta' persuna li tkun ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat jekk, wara li hija tkun ingħatat status ta' refuġjat, jiġi stabbilit mill-Istat Membru interessat li:

a) hija kellha tkun jew hija eskluża milli tkun refuġjat bi qbil mal-Artikolu 12;

b) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istat ta' refuġjat.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus mogħti lil refuġjat minn korp governattiv, amministrattiv, ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, meta:

a) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti;

b) hija, wara li tkun instabet ħatja minn sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikkostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak l-Istat Membru.

5. F'sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux status lil refuġjat, fejn din id-deċiżjoni ma tkunx għadha ttieħdet.

6. Persuni li għalihom japplikaw il-paragrafi 4 jew 5 huma intitolati għal drittijiet dikjarati jew simili għal dawk dikjarati fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra safejn huma preżenti fl-Istat Membru."

29 Il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Kontenut ta' Protezzjoni Internazzjonali", jinkludi l-Artikoli 20 sa 35 tagħha. L-Artikolu 20(1) u (2) ta' din id-direttiva jiddikjara:

"1. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet preskritti fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

2. Dan il-Kapitolu għandu japplika kemm għal refuġjati kif ukoll għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja minbarra jekk ikun indikat mod ieħor."

30 L-Artikolu 21 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement bi qbil mal-obbligi internazzjonali tagħhom.

2. Fejn mhux projbit mill-obbligi internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw (refoule) refuġjat, sewwa jekk rikonoxxut formalment u sewwa jekk le, meta:

a) ikun hemm bażi raġonevoli sabiex il-persuna titqies bħala periklu għas-sigurtà tal-Istat Membru li fih hija tkun preżenti; jew

b) il-persuna, wara li tkun instabet ħatja b'sentenza finali ta' delitt partikolarment serju, tikostitwixxi periklu għall-komunità ta' dak l-Istat Membru.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu jew li jagħtu l-permess ta' residenza ta' (jew lil) refuġjat li għalih japplika l-paragrafu 2."

31 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi:

"Kemm jista' jkun malajr wara li jkun ingħata protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom joħorġu lill-benefiċjarji tal-istatus ta' refuġjat permess ta' residenza li jrid ikun validu għal mill-inqas tliet snin u jiġġedded, sakemm raġunijiet obbligatorji ta' sigurtà nazzjonali jew ordni pubbliku jeħtieġu mod ieħor, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(3)."

32 L-Artikolu 28 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw trattament ugwali bejn benefiċjarji ta' protezzjonali internazzjonali u ċittadini nazzjonali fil-kuntest tal-proċeduri eżistenti ta' rikonoxximent għal diplomi, ċertifikati u xhieda oħra ta' kwalifiki formali minn barra l-pajjiż.

2. L-Istati Membri għandhom jippruvaw jiffaċilitaw aċċess sħiħ għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li ma jistgħux jipprovdu evidenza dokumentarja tal-kwalifiki tagħhom lil skemi xierqa għall-valutazzjoni, validazzjoni u akkreditament tat-tagħlim tagħhom preċedenti. Kull miżura bħal din għandha tikkonforma mal-Artikoli 2(2) u 3(3) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali [(ĠU 2005, L 255, p. 22)]."

33 L-Artikolu 34 tad-Direttiva 2011/95 huwa fformulat kif ġej:

"Sabiex tiġi faċilitata l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà, l-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għal programmi ta' integrazzjoni li jqisu li huma xierqa sabiex jiġu kkunsidrati l-bżonnijiet speċifiċi tal-benefiċjarji tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew joħolqu kundizzjonijiet minn qabel li jiggarantixxu aċċess għal dawn il-programmi."

***Id-dritt nazzjonali***

*Id-dritt Ċek*

34 Iż-Zákon č. 325/1999 Sb., o azylu (il-Liġi Nru 325/1999 dwar l-Ażil), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Ażil"), tirregola l-għoti u r-revoka tal-protezzjoni internazzjonali.

35 Skont l-Artikolu 2(2) ta' din il-liġi, refuġjat fis-sens ta' din il-liġi (*azylant*) tfisser "barrani li jkun ingħata, bis-saħħa ta' din il-liġi, id-dritt għall-ażil, u dan matul il-perijodu ta' validità tad-deċiżjoni tal-għoti tad-dritt għall-ażil". Skont l-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, jekk id-dritt għall-ażil ta' persuna jiġi rrevokat, din ma tibqax refuġjat (*azylant*) u ma tibqax tgawdi mid-drittijiet previsti mill-imsemmija liġi.

36 Bis-saħħa tal-Artikolu 17(1)(i) tal-Liġi dwar l-Ażil, id-dritt għall-ażil jiġi rrevokat "jekk ikunu jeżistu raġunijiet leġittimi sabiex jitqies li r-refuġjat jirrappreżenta riskju għas-sigurtà tal-Istat". Barra minn hekk, l-Artikolu 17(1)(j) tal-imsemmija liġi jipprevedi li d-dritt għall-ażil għandu jiġi rrevokat "jekk ir-refuġjat ikun ingħata kundanna definittiva għal delitt partikolarment serju u jirrappreżenta għalhekk perikolu għas-sigurtà tal-Istat".

37 Skont l-Artikolu 28(1) tal-Liġi dwar l-Ażil, id-dritt għall-ażil huwa "waħda mill-forom ta' protezzjoni internazzjonali mogħtija fit-territorju tar-Repubblika Ċeka lil barrani".

*Id-dritt Belġjan*

38 L-Artikolu 48/3(1) tal-loi du 15 décembre 1980 sur l'accès au territoire, le séjour, l'établissement et l'éloignement des étrangers (il-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-Aċċess għat-Territorju, l-Istabbiliment, ir-Residenza u t-Tneħħija tal-Barranin (*Moniteur belge* tal-31 ta' Diċembru 1980, p. 14584), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980"), jipprevedi:

"L-istatus ta' refuġjat għandu jingħata lill-barrani li jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu1 tal-[Konvenzjoni ta' Genève], emendata bil-[Protokoll]."

39 L-Artikolu 48/4(1) ta' din il-liġi jipprevedi:

"L-istatus ta' protezzjoni sussidjarja jingħata lill-barrani li ma jistax jitqies bħala refuġjat u li ma jkunx jista' jibbenefika mill-Artikolu 9b, u li fir-rigward tiegħu jeżistu motivi serji li wieħed jemmen li, kieku kellu jintbagħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew, fil-każ ta' persuna mingħajr Stat, fil-pajjiż li fih kellu r-residenza abitwali tiegħu, huwa kien jaffaċċja r-riskju reali li jġarrab il-perikli serji msemmija fil-paragrafu 2, u li ma jkunx jista' jew, fid-dawl ta' dan ir-riskju, ma jixtieqx jinvoka l-protezzjoni ta' dan il-pajjiż u dan, sakemm ma jkunx suġġett għall-klawżoli ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 55/4."

40 L-Artikolu 52/4 tal-imsemmija liġi jiddikjara:

"Jekk il-barrani li jkun ressaq applikazzjoni għal ażil konformement mal-Artikoli 50, 50a, 50b jew 51, jikkostitwixxi, minħabba li jkun ġie kkundannat b'mod definittiv għal reat partikolarment serju, perikolu għas-soċjetà, jew meta jkunu jeżistu raġunijiet raġonevoli sabiex huwa jitqies bħala perikolu għas-sigurtà nazzjonali, il-Ministru jew id-delegat tiegħu għandhom jibagħtu mingħajr dewmien il-punti kollha f'dan is-sens lill-Kummissarju Ġenerali.

Il-[Kummissarju Ġenerali] jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat jekk il-barrani jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà, minħabba li jkun ġie kkundannat b'mod definittiv għal reat partikolarment serju, jew meta jkunu jeżistu raġunijiet raġonevoli sabiex huwa jitqies bħala perikolu għas-sigurtà nazzjonali. F'dan il-każ il-[Kummissarju Ġenerali] joħroġ opinjoni fir-rigward tal-kompatibbiltà ta' ordni ta' tneħħija mal-Artikoli 48/3 u 48/4.

Il-Ministru jista' jordna lill-persuna kkonċernata sabiex tirrisjedi f'post iddeterminat sakemm l-applikazzjoni tagħha tiġi eżaminata, jekk iqis li dan huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali.

F'ċirkustanzi eċċezzjonalment serji, il-Ministru jista' jqiegħed lill-persuna kkonċernata b'mod provviżorju għad-dispożizzjoni tal-Gvern, jekk iqis li dan huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali."

41 Skont l-Artikolu 55/3/1 tal-istess liġi:

"§ 1. Il-[Kummissarju Ġenerali] jista' jirtira l-istatus ta' refuġjat meta l-barrani jikkostitwixxi, minħabba li jkun ġie kkundannat b'mod definittiv għal reat partikolarment serju, perikolu għas-soċjetà jew meta jkunu jeżistu raġunijiet raġonevoli sabiex huwa jitqies li huwa ta' perikolu għas-sigurtà nazzjonali.

[…]

§ 3. Meta jirtira l-istatus ta' refuġjat skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2(1), il-Kummissarju Ġenerali għandu jagħti, fil-kuntest tad-deċiżjoni tiegħu, opinjoni fir-rigward tal-kompatibbiltà ta' ordni ta' tneħħija mal-Artikoli 48/3 u 48/4."

42 Skont l-Artikolu 55/4(2) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980:

"Barrani huwa wkoll eskluż mill-istatus ta' protezzjoni sussidjarja meta jirrappreżenta perikolu għas-soċjetà jew għas-sigurtà nazzjonali."

## Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

### *Il-Kawża C-391/16*

43 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' April 2006, il-ministère de l'Intérieur (il-Ministru għall-Intern) ta lil M, ta' oriġini miċ-Chechnya (ir-Russja), id-dritt għall-ażil għar-raġuni li huwa kellu raġunijiet leġittimi li jibża' li jiġi ppersegwitat minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu, l-appartenenza tiegħu għal ċertu grupp soċjali jew l-opinjonijiet politiċi tiegħu fl-Istat li fih huwa residenti.

44 Qabel ma gawda mid-dritt għall-ażil, M kien wettaq serqa li għaliha kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' tliet snin. Wara l-għoti tad-dritt għall-ażil, huwa barra minn hekk ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' disa' snin talli wettaq serqa u estorsjoni f'kundizzjonijiet ta' reċidività, liema piena kellha tiġi eżegwita f'ċentru ta' detenzjoni ta' sigurtà għolja. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Ministru għall-Intern iddeċieda, fid-29 ta' April 2014, li jirrevoka d-dritt għall-ażil ta' M u li ma jagħtihx il-protezzjoni sussidjarja, għar-raġuni li huwa kien ġie kkundannat b'mod definittiv għal reat partikolarment serju u li huwa kien ta' perikolu għas-sigurtà tal-Istat.

45 M ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka). Peress li dan ir-rikors ġie miċħud, M ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

46 Din il-qorti tistaqsi, b'mod partikolari, dwar il-validità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(4) u (6) tad-Direttiva 2011/95 fid-dawl tal-Artikolu 18 tal-Karta, tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 6(3) TUE minħabba nuqqas ta' osservanza potenzjali tal-Konvenzjoni ta' Genève minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95.

47 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment għal rapport tal-UNHCR, ippubblikat fid-29 ta' Lulju 2010 u intitolat "Kummenti tal-UNHCR dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija [COM(2009) 551 tal-21 ta' Ottubru 2009)]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], li fih il-UNHCR reġa' tenna d-dubji li kien diġà esprima qabel f'dak li jirrigwarda l-konformità tal-Artikolu 14(4) u (6) tad-Direttiva 2004/83 mal-Konvenzjoni ta' Genève.

48 Minn dan ir-rapport jirriżulta li l-Artikolu 14(4) tal-imsemmija proposta għal direttiva, li huwa l-bażi tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95, jestendi r-raġunijiet ta' esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat lil hinn mill-klawżoli ta' esklużjoni u ta' terminazzjoni previsti fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Genève, minkejja li dawn il-klawżoli huma eżawrjenti u li l-Artikolu 42(1) ta' din il-konvenzjoni jipprojbixxi lill-Istati kontraenti milli jagħmlu riżervi fir-rigward tal-Artikolu 1 tagħha. Mill-imsemmi rapport jirriżulta wkoll li, minkejja li l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève jippermetti r-refoulement ta' persuna lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħha jew lejn pajjiż ieħor, din id-dispożizzjoni madankollu ma għandha ebda effett fuq l-istatus ta' refuġjat ta' din il-persuna fil-pajjiż tar-residenza tagħha. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li d-dubji espressi mill-UNHCR huma kondiviżi, b'mod partikolari, mill-European Council on Refugees and Exiles, mill-International Association of Refugee and Migration Judges, kif ukoll mill-Ombudsman tar-Repubblika Ċeka.

49 Il-qorti tar-rinviju żżid madankollu li, għal uħud mill-kummentarji, id-Direttiva 2011/95 hija konformi mal-Konvenzjoni ta' Genève. Hija tirrileva, f'dan ir-rigward, li, skont l-espożizzjoni tal-motivi tal-Proposta għal Direttiva msemmija fil-punt 47 ta' din is-sentenza, id-Direttiva 2011/95 għandha l-għan, b'mod partikolari, li tiggarantixxi applikazzjoni sħiħa u globali ta' din il-konvenzjoni. Din id-direttiva hija iktar iddettaljata u twettaq, fl-Artikolu 2(d) u (e) tagħha, distinzjoni bejn il-kunċett ta' "refuġjat" u dak ta' "status ta' refuġjat". L-għoti tal-istatus ta' refuġjat, fis-sens tad-Direttiva 2011/95, iwassal għal protezzjoni ogħla minn dik prevista mill-Konvenzjoni ta' Genève. B'dan il-mod, persuna li l-istatus ta' refuġjat tagħha huwa rrevokat skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/95 ma tkunx tista' tgawdi iktar mid-drittijiet u mill-vantaġġi li jirriżultaw minn din id-direttiva, bl-eċċezzjoni ta' ċerti drittijiet minimi stipulati minn din il-konvenzjoni. Din id-dispożizzjoni donnha hija bbażata fuq l-ipoteżi li dawn il-persuni ma jistgħux ikunu suġġetti għal refoulement lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, minkejja li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 33(2) tal-imsemmija konvenzjoni. Dawn il-persuni jiġu għaldaqstant ittollerati fl-Istat Membru ospitanti u jkollhom status ta' refuġjat "limitat".

50 Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, H. T. (C-373/13, EU:C:2015:413, punti 71 u 94 sa 98), dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève u d-Direttiva 2011/95, hija għadha ma eżaminatx il-kwistjoni dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 14(4) u (6) ta' din id-direttiva mal-Artikolu 1(C) u l-Artikolu 42(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève u lanqas, għaldaqstant, mal-Artikolu78(1) TFUE, l-Artikolu 18 tal-Karta u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 6(3) TUE.

51 Fir-rigward tal-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95, li jiggarantixxi lill-persuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 14(4) ta' din id-direttiva l-benefiċċju ta' ċerti drittijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Genève, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, skont l-Ombudsman tar-Repubblika Ċeka, il-Liġi dwar l-Ażil ma tittrasponix dan l-Artikolu 14(6). Għaldaqstant, skont din l-Ombudsman, ir-revoka tad-dritt għall-ażil skont l-Artikolu 17(1)(i) u (j) tal-Liġi dwar l-Ażil tikser id-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li analiżi ddettaljata tal-ordinament ġuridiku Ċek ma tippermettix li jiġi eskluż il-fatt

li, f'ċerti każijiet individwali, ebda wieħed mid-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève ma huwa ggarantit għall-persuni kkonċernati. Madankollu, fil-kawża prinċipali, ir-rikorrent għandu l-possibbiltà li jinvoka dawn id-drittijiet fir-Repubblika Ċeka.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 14(4) u (6) tad-Direttiva [2011/95] huwa invalidu minħabba li jikser l-Artikolu 18 tal-[Karta], l-Artikolu 78(1) [TFUE] u l-prinċipji ġenerali tal-UE fis-sens tal-Artikolu 6(3) [TUE]?"

### *Il-Kawża C-77/17*

53 Fl-10 ta' Marzu 2010, it-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell, il-Belġju) ikkundannat lil X, ċittadin Ivorjan, għal piena ta' priġunerija ta' tletin xahar, parzjalment sospiża, għal daqqiet u korrimenti volontarji, pussess ta' arma bil-ponta mingħajr raġuni leġittima u pussess ta' arma pprojbita. Barra minn hekk, fis-6 ta' Diċembru 2011, il-persuna kkonċernata ġiet ikkundannata mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) għal piena ta' erba' snin ta' priġunerija għal stupru fuq minuri ta' iktar minn 14-il sena u ta' inqas minn 16-il sena.

54 Fit-3 ta' Novembru 2015, X ressaq applikazzjoni għal ażil filwaqt li insostenn tagħha huwa invoka biża' ta' persekuzzjonijiet marbuta mal-fatt li missieru u l-membri tal-familja tiegħu kellhom rabtiet mill-qrib mar-reġim Ivorjan preċedenti u mal-President preċedenti Laurent Gbagbo.

55 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Awwissu 2016, il-Kummissarju Ġenerali rrifjuta, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 52/4 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, li jagħti lil X l-istatus ta' refuġjat, minħabba reati mwettqa minnu fil-Belġju. Il-Kummissarju Ġenerali qies, b'mod partikolari, li, fid-dawl tan-natura partikolarment serja ta' dawn ir-reati u tal-karattru rrepetut tagħhom, X kien jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Għall-istess raġunijiet, huwa qies li kien hemm lok li X jiġi eskluż mill-protezzjoni sussidjarja, skont l-Artikolu 55/4(2) ta' din il-liġi. Madankollu, skont l-Artikolu 52/4 tal-imsemmija liġi, il-Kummissarju Ġenerali ta l-opinjoni li, fid-dawl tal-biża' fondata ta' persekuzzjonijiet, X ma setax ikun suġġett għal refoulement b'mod dirett jew indirett lejn il-Côte d'Ivoire, peress li tali ordni ta' tneħħija hija inkompatibbli mal-Artikoli 48/3 u 48/4 ta' din l-istess liġi.

56 X ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

57 Din il-qorti tirrileva li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 52/4 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni kontenzjuża, jittrasponi fid-dritt Belġjan l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2011/95.

58 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-validità ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar fid-dawl tal-Artikolu 18 tal-Karta u tal-Artikolu 78(1) TFUE. Dawn id-dispożizzjonijiet jobbligaw lill-Unjoni tosserva l-Konvenzjoni ta' Genève, b'mod li d-dritt idderivat tal-Unjoni għandu jkun konformi ma' din il-konvenzjoni. Din tiddefinixxi b'mod ċar ħafna, fl-Artikolu 1(A) tagħha, il-persuni li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "refuġjat" u la l-Artikolu 1(F) tagħha u ebda dispożizzjoni oħra tagħha ma jippermettu li jiġi rrifjutat, b'mod ġenerali u definittiv, l-għoti tal-istatus ta' refuġjat lil persuna għas-sempliċi raġuni li hija ta' perikolu għas-sigurtà nazzjonali jew li tikkostitwixxi theddida serja għas-soċjetà tal-Istat ospitanti. Issa, l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi l-possibbiltà li jiġi rrifjutat l-għoti ta' dan l-istatus għal waħda minn dawn ir-raġunijiet, li jikkorrispondu għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 32 u 33 tal-imsemmija konvenzjoni, minkejja li dawn l-artikoli tal-aħħar jirregolaw it-tkeċċija tar-refuġjati u mhux il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-imsemmi status.

59 B'dan il-mod, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2011/95 jistabbilixxix klawżola ġdida ta' esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat, mhux prevista mill-Konvenzjoni ta' Genève. Il-provvista ta' klawżola ġdida ta' esklużjoni tkun tikkostitwixxi emenda sostanzjali ta' din il-konvenzjoni li jkun kuntrarju għall-prinċipji tad-dritt internazzjonali. Li kieku l-Konvenzjoni ta' Genève kellha l-intenzjoni li teskludi l-protezzjoni tar-refuġjati jew tirrifjutaha għal raġunijiet marbuta mas-sigurtà nazzjonali, mal-ordni pubbliku jew mal-perikolu għas-soċjetà tal-Istat ospitanti, hija kienet tipprevedi dan espliċitament, bħalma għamlet fir-rigward, *inter alia*, tar-reati serji ta' dritt komuni mwettqa barra mill-Istat ospitanti.

60 Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll konsegwenzi potenzjalment serji ta' din il-klawżola ta' esklużjoni, inkwantu din timplika t-telf tad-drittijiet u tal-vantaġġi marbuta mal-istatus ta' refuġjat. B'dan il-mod, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2015, H. T. (C-373/13, EU:C:2015:413, punt 95), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet fakkret b'mod ċar li r-revoka ta' permess ta' residenza u dak tal-istatus ta' refuġjat huma żewġ kwistjonijiet separati li għandhom konsegwenzi differenti. Barra minn hekk, il-UNHCR, f'opinjoni intitolata "Kummenti annotati tal-UNHCR dwar id-[Direttiva 2004/83]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u ppubblikati fix-xahar ta' Jannar 2005 (iktar 'il quddiem il-"Kummenti annotati fuq id-Direttiva 2004/83"), kien partikolarment kritiku fil-konfront ta' dispożizzjonijiet identiċi fid-Direttiva 2004/83.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil du Contentieux des Étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 14(5) tad-Direttiva [2011/95] għandu jiġi interpretat fis-sens li joħloq klawżola ġdida ta' esklużjoni għall-istatus ta' refuġjat previst fl-Artikolu 13 tal-istess direttiva u, konsegwentement, fl-Artikolu [1(A)] tal-Konvenzjoni ta' Genève?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv [għall-ewwel domanda], l-Artikolu 14(5) hekk interpretat huwa kompatibbli mal-Artikolu 18 tal-[Karta] u mal-Artikolu 78(1) [TFUE], li jipprevedu, b'mod partikolari, il-konformità tad-dritt Ewropew idderivat mal-Konvenzjoni ta' Genève, li l-klawżola ta' esklużjoni tagħha, prevista fl-Artikolu [1(F)], hija fformulata b'mod eżawrjenti u hija ta' interpretazzjoni stretta?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv [għall-ewwel domanda], l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva [2011/95] għandu jiġi interpretat fis-sens li jistabbilixxi raġuni għar-rifjut tal-istatus ta' refuġjat li ma hijiex prevista fil-Konvenzjoni ta' Genève, li r-rispett tagħha huwa impost mill-Artikoli 18 tal-[Karta] u 78(1) [TFUE]?

4) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv [għat-tielet domanda], l-Artikolu 14(5) tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq huwa kompatibbli mal-Artikolu 18 tal-[Karta] u mal-Artikolu 78(1) [TFUE], li jipprevedu, b'mod partikolari, il-konformità tad-dritt Ewropew idderivat mal-Konvenzjoni ta' Genève, ġaladarba jistabbilixxi raġuni għar-rifjut tal-istatus ta' refuġjat mingħajr ebda eżami tal-biża' minn persekuzzjoni hekk kif rikjest mill-Artikolu [1(A)] tal-Konvenzjoni ta' Genève?

5) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv [għall-ewwel u għat-tielet domanda], kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 14(5) tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq b'mod konformi mal-Artikolu 18 tal-Karta u mal-Artikolu 78(1) [TFUE], li jipprevedu, b'mod partikolari, il-konformità tad-dritt Ewropew idderivat mal-Konvenzjoni ta' Genève?"

***Il-Kawża C-78/17***

62 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2007, il-Kummissarju Ġenerali rrikonoxxa lil X, ċittadin tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-kwalità ta' refuġjat.

63 Fl-20 ta' Diċembru 2010, X ġie kkundannat mill-Cour d'assises de Bruxelles (il-Qorti tal-Assiżi ta' Brussell, il-Belġju) għal piena ta' priġunerija ta' 25 sena għal omiċidju u serq aggravat. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissarju Ġenerali neħħielu l-istatus ta' refuġjat, skont l-Artikolu 55/3/1(1) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, għar-raġuni, b'mod partikolari, li, fid-dawl tan-natura partikolarment serja tar-reati mwettqa, X kien jikkostitwixxi perikolu għas-soċjetà, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 55/3/1(3) ta' din il-liġi, il-Kummissarju Ġenerali ħareġ l-opinjoni li t-tneħħija ta' X tkun kompatibbli mal-Artikoli 48/3 u 48/4 tal-imsemmija liġi, sa fejn il-biżgħat li X kien espona matul is-sena 2007 ma kinux għadhom rilevanti.

64 X ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissarju Ġenerali quddiem il-qorti tar-rinviju. Dik il-qorti tirrileva li l-Artikolu 55/3/1 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, li fuqu l-imsemmija deċiżjoni hija bbażata, jittrasponi fid-dritt Belġjan l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95. Bħal fil-Kawża C-77/17 u għall-istess raġunijiet bħal dawk proposti f'din il-kawża tal-aħħar, il-qorti tar-rinviju tqis li jeżistu diversi raġunijiet li wieħed jistaqsi dwar il-validità tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2011/95 fid-dawl tal-Artikolu 18 tal-Karta u tal-Artikolu 78(1) TFUE.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil du Contentieux des Étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 14(4) tad-Direttiva [2011/95] għandu jiġi interpretat fis-sens li joħloq klawżola ġdida ta' esklużjoni għall-istatus ta' refuġjat previst fl-Artikolu 13 tal-istess direttiva u, konsegwentement, fl-Artikolu [1(A)] tal-Konvenzjoni ta' Genève?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv [għall-ewwel domanda], l-Artikolu 14(4) hekk interpretat huwa kompatibbli mal-Artikolu 18 tal-[Karta] u mal-Artikolu 78(1) [TFUE], li jipprevedu, b'mod partikolari, il-konformità tad-dritt Ewropew idderivat mal-Konvenzjoni ta' Genève, li l-klawżola ta' esklużjoni tagħha, prevista fl-Artikolu [1(F)], hija fformulata b'mod eżawrjenti u hija ta' interpretazzjoni stretta?

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv [għall-ewwel domanda], l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva [2011/95] għandu jiġi interpretat fis-sens li jistabbilixxi raġuni għall-irtirar tal-istatus ta' refuġjat li ma hijiex prevista fil-Konvenzjoni ta' Genève, li r-rispett tagħha huwa impost mill-[Artikolu] 18 tal-[Karta] u [mill-Artikolu] 78(1) [TFUE]

4) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv [għat-tielet domanda], l-Artikolu 14(4) tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq huwa kompatibbli mal-Artikolu 18 tal-[Karta] u mal-Artikolu 78(1) [TFUE], li jipprevedu, b'mod partikolari, il-konformità tad-dritt Ewropew idderivat mal-Konvenzjoni ta' Genève, ġaladarba jistabbilixxi raġuni għall-irtirar tal-istatus ta' refuġjat li, mhux biss ma hijiex prevista mill-Konvenzjoni ta' Genève, iżda barra minn hekk ma ssib ebda bażi fiha?

5) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv [għall-ewwel u għat-tielet domanda], kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 14(4) tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq b'mod konformi mal-Artikolu 18 tal-Karta u mal-Artikolu 78(1) [TFUE], li jipprevedu, b'mod partikolari, il-konformità tad-dritt Ewropew idderivat mal-Konvenzjoni ta' Genève?"

**Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

66 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Marzu 2017, il-Kawżi C-77/17 u C-78/17 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Jannar 2018, dawn il-kawżi ġew magħquda mal-Kawża C-391/16 għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

**Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

67 L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja esprimew opinjonijiet diverġenti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tevalwa, fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari odjerni, il-validità tad-Direttiva 2011/95 fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta, peress li dawn jagħmlu riferiment għall-Konvenzjoni ta' Genève.

68 F'dan ir-rigward, il-Gvern Ġermaniż iqis li tali domanda titlob risposta fin-negattiv f'dak li jirrigwarda t-talbiet għal deċiżjoni preliminari fil-Kawżi C-77/17 u C-78/17, sa fejn l-imsemmija talbiet huma intiżi, essenzjalment, li jiksbu interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Genève, minkejja li, bħalma jirriżulta mill-ġurisprudeza li toħroġ mis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Qurbani (C-481/13, EU:C:2014:2101, punti 20, 21 u 28), il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta din il-konvenzjoni hija limitata.

69 Min-naħa tagħhom, il-Kunsill u l-Kummissjoni josservaw li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat deċiżjoni dwar in-neċessità li jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95 b'osservanza tal-Konvenzjoni ta' Genève. Fir-rigward tal-Parlament, huwa jqis li, peress li din id-direttiva hija att leġiżlattiv awtonomu tal-Unjoni, li tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tiggarantixxi s-supremazija, l-unità u l-effettività, l-eżami tal-validità tal-imsemmija direttiva għandu jsir biss abbażi tat-Trattati UE u FUE kif ukoll tal-Karta. Id-Direttiva 2011/95 għandha tiġi interpretata, sa fejn possibbli, b'mod li ma jqiegħedx inkwistjoni l-validità tagħha filwaqt li jiġu osservati, b'mod partikolari, il-prinċipji fundamentali tal-Konvenzjoni ta' Genève.

70 Min-naħa l-oħra, il-Gvern Franċiż u tal-Pajjiżi l-Baxxi jenfasizzaw li, minkejja li l-Unjoni ma hijiex parti għall-Konvenzjoni ta' Genève, l-Artikolu 78 TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta madankollu jobbligaw lill-Unjoni tosservaha. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 ma' din il-konvenzjoni.

71 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 19(3)(b) TUE u mill-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-validità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni, peress li dawn l-atti għandhom ikunu totalment kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u mal-prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom kif ukoll mad-dispożizzjonijiet tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK, C-266/16, EU:C:2018:118, punti 44 sa 46).

72 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2011/95 ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 78(2)(a) u (b) TFUE. Skont l-Artikolu 78(1) TFUE, il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja, li hija intiża li "toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u […] li tassigura l-ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement", "trid tkun konformi mal-[Konvenzjoni ta' Genève] u mal-[Protokoll], kif ukoll ma' trattati oħra rilevanti."

73 Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tal-Karta jipprovdi li d-"dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-[Konvenzjoni ta' Genève] u l-[Protokoll] u skond it-[Trattat UE] u t-[Trattat FUE]".

74 Għaldaqstant, minkejja li l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Genève, l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta madankollu jimponu fuqha l-osservanza tar-regoli ta' din il-konvenzjoni. Għaldaqstant id-Direttiva 2011/95 għandha, bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, tosserva dawn ir-regoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Marzu 2016, Alo u Osso, C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi, C-181/16, EU:C:2018:465, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-validità tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta, u, fil-kuntest ta' dan l-eżami, sabiex tivverifika jekk dawn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jistgħux jiġu interpretati f'sens li jirrispetta l-livell ta' protezzjoni ggarantit mir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Genève.

**Fuq id-domandi preliminari**

76 Id-domandi tal-qrati tar-rinviju dwar il-validità tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 jirrigwardaw, essenzjalment, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 14(4) u (5) ta' din id-direttiva għandux l-effett li jċaħħad liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ikkonċernat, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali previsti fl-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva, mill-kwalità ta' refuġjat u jekk jiksirx, minħabba dan il-fatt, l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Genève. Il-mistoqsijiet tagħhom jirrigwardaw b'mod iktar preċiż il-fatt li l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 ma jikkorrispondux għar-raġunijiet għal esklużjoni u għal terminazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1(C) sa (F) tal-Konvenzjoni ta' Genève, minkejja li dawn ir-raġunijiet għal esklużjoni u għal terminazzjoni huma, fis-sistema ta' din il-konvenzjoni, ta' natura eżawrjenti.

77 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni, att tal-Unjoni għandu jiġi interpretat, sa fejn huwa possibbli, b'mod li ma jqigħedx inkwistjoni l-validità tiegħu u b'mod konformi mad-dritt primarju kollu u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tal-Karta (sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'dan il-mod, meta l-kliem tad-dritt idderivat tal-Unjoni jista' jkun suġġett għal iktar minn interpretazzjoni waħda, għandha tingħata preferenza lil dik li tirrendi d-dispożizzjoni konformi mad-dritt primarju milli lil dik li twassal għall-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' kompatibbiltà tagħha miegħu (sentenza tas-26 ta' Ġunju 2007, Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*, C-305/05, EU:C:2007:383, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

78 Għaldaqstant għandu jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 jistgħux, konformement ma' dak li jeżiġu l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta, jiġu interpretati b'mod li jiżgura li l-livell ta' protezzjoni ggarantit mir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Genève ma jkunx miksur.

***Fuq is-sistema stabbilita bid-Direttiva 2011/95***

79 Bħalma jirriżulta mill-premessa 12 tad-Direttiva 2011/95, id-dispożizzjonijiet tagħha huma intiżi li jiżguraw l-applikazzjoni ta' kriterji komuni għall-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali kif ukoll ta' livell minimu ta' vantaġġi lil dawn il-persuni fl-Istati Membri kollha.

80 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, bħalma tikkonferma l-premessa 3 tad-Direttiva 2011/95, li s-sistema Ewropea komuni ta' ażil li minnha din id-direttiva tagħmel parti hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Genève u fuq il-Protokoll, u fuq il-garanzija li ħadd ma għandu jintbagħat f'post fejn ikun espost għar-riskju li jerga' jiġi ssuġġettat għal persekuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et*, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 75, kif ukoll tal-1 ta' Marzu 2016, Alo u Osso, C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127, punt 30).

81 Barra minn hekk, mill-premessi 4, 23 u 24 tad-Direttiva 2011/95 jirriżulta li l-Konvenzjoni ta' Genève tikkostitwixxi l-bażi tas-sistema ġuridika internazzjonali ta' protezzjoni tar-refuġjati u li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat kif ukoll dwar il-kontenut ta' din tal-aħħar ġew adottati sabiex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri japplikaw din il-konvenzjoni billi jibbażaw ruħhom fuq kunċetti u kriterji komuni sabiex

applikanti għal ażil jingħataw l-istatus ta' refuġjat fis-sens tal-Artikolu 1 tal-imsemmija konvenzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2017, Lounani, C-573/14, EU:C:2017:71, punt 41, u tat-13 ta' Settembru 2018, Ahmed, C-369/17, EU:C:2018:713, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

82 Barra minn hekk, il-premessa 16 tad-Direttiva 2011/95 tippreċiża li din hija intiża li tiggarantixxi l-osservanza sħiħa tad-dinjità umana u d-dritt għall-ażil tal-applikanti għal ażil u tal-membri tal-familja tagħhom li jakkompanjawhom, u dan id-dritt tal-aħħar huwa, bis-saħħa tal-Artikolu 18 tal-Karta, iggarantit b'osservanza tal-Konvenzjoni ta' Genève u tal-Protokoll.

83 B'dan il-mod, minkejja li d-Direttiva 2011/95 tistabbilixxi sistema regolatorja li tinkludi kunċetti u kriterji komuni għall-Istati Membri u, għaldaqstant, speċifiċi għall-Unjoni, madankollu din hija bbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Genève u, b'mod partikolari, għandha l-għan li l-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni jiġi osservat bis-sħiħ.

84 Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tal-kelma "refuġjat", l-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva jirrepeti, essenzjalment, id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 1(A)(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Kwalifika biex wieħed ikun refuġjat", jinkludu preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet materjali meħtieġa sabiex ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun tista' titqies bħala refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva.

85 L-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2011/95 jiddefinixxi, min-naħa tiegħu, l-"[i]status ta' refuġjat" bħala "ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala refuġjat". Dan ir-rikonoxximent, bħalma jirriżulta mill-premessa 21 ta' din id-direttiva, huwa ta' natura dikjaratorja u ma jikkostitwixxix il-kwalità ta' refuġjat.

86 B'dan il-mod, fis-sistema implimentata mid-Direttiva 2011/95, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali li jinsabu fil-Kapitolu III ta' din id-direttiva jkollu, minħabba dan il-fatt biss, il-kwalità ta' refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva u tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

87 L-interpretazzjoni sistematika tad-Direttiva 2011/95, li tipprovdi li l-Kapitolu III tagħha jirrigwarda biss il-kwalità ta' refuġjat, ma tistax tiġi mqiegħda inkwistjoni bl-użu tal-kliem "status ta' refuġjat" fl-Artikolu 12(1) u (2) ta' din id-direttiva li tinsab fl-imsemmi Kapitolu III, b'mod partikolari fil-verżjoni Franċiża tagħha. Fil-fatt, verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' din id-dispożizzjoni, bħall-verżjonijiet Spanjoli, Ġermaniżi, Ingliżi, Portugiżi u Svediżi, f'dan l-Artikolu 12(1) u (2) jużaw il-kelma "refuġjat" minflok il-kliem "status ta' refuġjat".

88 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element (sentenzi tal-1 ta' Marzu 2016, Alo u Osso, C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127, punt 27, kif ukoll tal-24 ta' Jannar 2019, Balandin *et*, C-477/17, EU:C:2019:60, punt 31). F'dan ir-rigward, minkejja li l-Kapitolu III tad-Direttiva 2011/95 huwa intitolat "Kwalifika biex wieħed ikun refuġjat", il-Kapitolu IV ta' din id-direttiva huwa intitolat "Status ta' refuġjat" u jinkludi l-Artikolu 13 li jirregola l-għoti ta' dan l-istatus kif ukoll l-Artikolu 14 li jirregola r-revoka u t-tmiem ta' dan l-istatus kif ukoll ir-rifjut li jiġi mġedded.

89 Fir-rigward tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2011/95, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-istatus ta' refuġjat lil kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali sabiex jitqiesu bħala refuġjat konformement mal-Kapitoli II u III ta' din id-direttiva, mingħajr ma jkollhom setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2015, H. T., C-373/13, EU:C:2015:413, punt 63, kif ukoll tat-12 ta' April 2018, A u S, C-550/16, EU:C:2018:248, punti 52 u 54).

90 Il-fatt li l-kwalità ta' "refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95 u tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève ma tiddependix mir-rikonoxximent formali ta' din il-kwalità bl-għoti tal-"[i]status ta' refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, huwa, mill-bqija, ikkorroborat mill-kliem tal-Artikolu 21(2) tal-imsemmija direttiva, li jipprovdi li "refuġjat" jista', b'osservanza tal-kundizzjoni stipulata f'din id-dispożizzjoni, jiġi ssuġġettat għal refoulement "sewwa jekk rikonoxxut formalment u sewwa jekk le".

91 Ir-rikonoxximent formali tal-kwalità ta' refuġjat, li jikkostitwixxi l-għoti tal-istatus ta' refuġjat, għandu bħala konsegwenza li r-refuġjat ikkonċernat huwa, bis-saħħa tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2011/95, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, fis-sens ta' din id-direttiva, b'mod li huwa għandu, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 91 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-drittijiet u l-vantaġġi kollha previsti mill-Kapitolu VII tal-imsemmija direttiva, li jinkludu kemm drittijiet ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Konvenzjoni ta' Genève u, bħalma osservaw b'mod partikolari l-Parlament u l-Gvern tar-Renju Unit, drittijiet li jipprovdu iktar protezzjoni li għalihom ma hemmx ekwivalenti f'din il-konvenzjoni, bħalma huma dawk imsemmija fl-Artikolu 24(1) kif ukoll fl-Artikoli 28 u 34 tad-Direttiva 2011/95.

92 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-kwalità ta' "refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95 u tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève, ma tiddependix mir-rikonoxximent formali ta' din il-kwalità bl-għoti tal-"[i]status ta' refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 13 ta' din tal-aħħar.

### *Fuq l-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95*

93 Fir-rigward tal-ipoteżijiet, imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95, li fihom l-Istati Membri jistgħu jirrevokaw jew jirrifjutaw l-għoti tal-istatus ta' refuġjat, dawn jikkorrispondu, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, essenzjalment, ma' dawk li fihom l-Istati Membri jistgħu jipproċedu għar-refoulement ta' refuġjat bis-saħħa tal-Artikolu 21(2) ta' din id-direttiva u tal-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

94 Madankollu, jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jiġi rrilevat li, filwaqt li l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève jċaħħad, f'tali każijiet, lir-refuġjat mill-benefiċċju tal-prinċipju ta' non-refoulement lejn pajjiż li fih ħajtu jew il-libertà tiegħu tkun mhedda, l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2011/95 għandu, bħalma tikkonferma l-premessa 16 tagħha, jiġi interpretat u applikat b'rispett tad-drittijiet iggarantiti mill-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 19(2) tagħha, li jipprojbixxu b'mod assolut it-tortura kif ukoll il-pieni u t-trattamenti inumani jew degradanti, ikun xi jkun l-aġir tal-persuna kkonċernata, u dan japplika wkoll għat-tneħħija lejn Stat fejn jeżisti riskju serju li persuna tkun suġġetta għal tali trattament. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jistgħux ineħħu, ikeċċu jew jestradixxu lil barrani meta jeżistu raġunijiet serji u pprovati li wieħed jemmen li fil-pajjiż ta' destinazzjoni ser iġarrab riskju reali li jsofri minn trattament ipprojbit mill-Artikolu 4 u mill-Artikolu 19(2) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punti 86 sa 88, kif ukoll tal-24 ta' April 2018, MP (Protezzjoni sussidjarja ta' vittma ta' torturi fil-passat), C-353/16, EU:C:2018:276, punt 41).

95 Għaldaqstant, meta r-refoulement ta' refuġjat li jaqa' taħt wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5), kif ukoll fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2011/95, ipoġġih fir-riskju li jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 19(2) tal-Karta, l-Istat Membru kkonċernat ma jistax jidderoga mill-prinċipju ta' non-refoulement skont l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

96 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn l-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi, fil-każijiet imsemmija fih, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrevokaw l-"[i]status ta' refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, jew li jirrifjutaw li jagħtu dan l-istatus, minkejja li l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni ta' Genève jippermetti, min-naħa tiegħu, ir-refoulement ta' refuġjat li jinsab f'wieħed

minn dawn is-sitwazzjonijiet lejn pajjiż li fih ħajtu jew il-libertà tiegħu tkun mhedda, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi protezzjoni internazzjonali tar-refuġjati kkonċernati iktar wiesgħa minn dik żgurata mill-imsemmija konvenzjoni.

97 Fit-tieni lok, bħalma rrilevaw il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament kif ukoll diversi Stati Membri li ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest tas-sistema stabbilita minn din id-direttiva, ir-revoka tal-istatus ta' refuġjat jew ir-rifjut li dan jingħata għandu l-effett li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ikkonċernat li jissodisfa l-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tagħha, jitlef il-kwalità ta' refuġjat, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 2(d) u tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

98 Fil-fatt, minbarra dak li ntqal fil-punt 92 ta' din is-sentenza, iċ-ċirkustanza li l-persuna kkonċernata taqa' taħt wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 ma jfissirx barra minn hekk li din ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet materjali li minnhom tiddependi l-kwalità ta' refuġjat, relatati mal-eżistenza ta' biża' fondata ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħha.

99 Fil-każ fejn Stat Membru jiddeċiedi li jirrevoka l-istatus ta' refuġjat jew li ma jagħtix dan l-istatus skont l-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz jew il-persuni mingħajr Stat ikkonċernati jiġu, ċertament, imċaħħda mill-imsemmi status u għaldaqstant ma jkollhomx, jew ma jkollhomx iktar, id-drittijiet u l-vantaġġi kollha stipulati fil-Kapitolu VII ta' din id-direttiva, peress li dawn huma assoċjati ma' dan l-istatus. Madankollu, bħalma jipprevedi espliċitament l-Artikolu 14(6) tal-imsemmija direttiva, dawn il-persuni jgawdu, jew ikomplu jgawdu, minn ċertu numru ta' drittijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Genève (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, H. T., C-373/13, EU:C:2015:413, punt 71), fatt li, bħalma enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tiegħu, jikkonferma li huma għandhom, jew ikomplu jkollhom, il-kwalità ta' refuġjat, fis-sens, b'mod partikolari, tal-Artikolu 1(A) tal-imsemmija konvenzjoni, minkejja din ir-revoka jew dan ir-rifjut.

100 Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li r-revoka tal-istatus ta' refuġjat jew ir-rifjut ta' għoti ta' dan l-istatus għandhom l-effett li jċaħħdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew lill-persuna mingħajr Stat ikkonċernat li jissodisfa l-kundizzjonijiet materjali tal-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva, moqrija flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tagħha, mill-kwalità ta' refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève, u għaldaqstant li jeskluduh mill-protezzjoni internazzjonali li l-Artikolu 18 tal-Karta jimponi li tiġi ggarantita lilu b'osservanza tal-imsemmija konvenzjoni.

### *Fuq l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95*

101 L-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi li l-persuni li għalihom japplikaw il-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu 14 għandhom id-dritt li jgawdu mid-drittijiet previsti "fl-Artikoli 3, 4, 16, 22, 31, 32 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra [jew drittijiet simili] safejn huma preżenti fl-Istat Membru".

102 Qabel kollox, fir-rigward tal-konġunzjoni "jew" użata fl-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95, din il-konġunzjoni tista', mill-perspettiva lingwistika, ikollha sens kemm alternattiv, kif ukoll kumulattiv, u għandha, għaldaqstant, tinqara fil-kuntest li fih hija użata u fid-dawl tal-għanijiet tal-att inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, C-304/02, EU:C:2005:444, punt 83). Issa, f'dan il-każ, fid-dawl tal-kuntest u tal-għan tad-Direttiva 2011/95, bħalma jirriżultaw mill-premessi 3, 10 u 12 tagħha, u fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 77 ta' din is-sentenza, l-imsemmija konġunzjoni għandha, fl-Artikolu 14(6) ta' din id-direttiva, tinftiehem f'sens kumulattiv.

103 Sussegwentement, fir-rigward tal-portata tal-kliem "drittijiet […] simili" li jinsab f'dan l-Artikolu 14(6), għandu jiġi rrilevat, bħalma enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 110 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(4) jew (5) tad-Direttiva 2011/95 għandha l-konsegwenza, b'mod partikolari, li ċċaħħad lill-persuna kkonċernata mill-permess ta' residenza li l-Artikolu 24 ta' din id-direttiva jorbot mal-istatus ta' refuġjat, fis-sens tal-imsemmija direttiva.

104 Għaldaqstant, refuġjat kopert b'miżura meħuda abbażi tal-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 jista', sabiex jiddetermina d-drittijiet li għandhom jingħatawlu taħt is-sistema tal-Konvenzjoni ta' Genève, jitqies li ma huwiex residenti regolarment jew li ma għadux residenti regolarment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

105 Għaldaqstant għandu jitqies li l-Istati Membri, meta jimplimentaw l-Artikolu 14(4) jew (5) ta' din id-direttiva, bħala prinċipju huma obbligati li jagħtu lir-refuġjati li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom biss id-drittijiet li huma espressament imsemmija fl-Artikolu 14(6) tal-imsemmija direttiva kif ukoll dawk id-drittijiet stipulati fil-Konvenzjoni ta' Genève li huma ggarantiti għal kull refuġjat li jinsab fit-territorju ta' Stat kontraenti u li t-tgawdija tagħhom ma tirrikjedix residenza regolari.

106 Madankollu għandu jiġi enfasizzat li, minkejja ċ-ċaħda tal-permess ta' residenza marbut mal-istatus ta' refuġjat, fis-sens tad-Direttiva 2011/95, ir-refuġjat li jaqa' taħt wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) ta' din id-direttiva jista' jiġi awtorizzat, fuq bażi legali oħra, li jirrisjedi legalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, H. T., C-373/13, EU:C:2015:413, punt 94). F'każ bħal dan, l-Artikolu 14(6) tal-imsemmija direttiva ma jostakola b'ebda mod li l-imsemmi Stat Membru jiggarantixxi lill-persuna kkonċernata l-benefiċċju tad-drittijiet kollha li l-Konvenzjoni ta' Genève torbot mal-kwalità ta' "refuġjat".

107 Għaldaqstant, l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95 għandu, konformement mal-Artikolu 78(1) TFUE u mal-Artikolu 18 tal-Karta, jiġi interpretat fis-sens li l-Istat Membru li juża l-fakultajiet previsti fl-Artikolu 14(4) u (5) ta' din id-direttiva, għandu jagħti lir-refuġjat li jaqa' taħt wieħed mill-każijiet imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar u li jinsab fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, mill-inqas, il-benefiċċju tad-drittijiet stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Genève li għalihom dan l-Artikolu 14(6) jagħmel referenza espliċita kif ukoll drittijiet previsti mill-imsemmija konvenzjoni li t-tgawdija tagħhom ma tirrikjedix residenza regolari, u dan bla ħsara għal riżervi eventwali magħmula minn dan l-Istat Membru skont l-Artikolu 42(1) ta' din il-konvenzjoni.

108 Barra minn hekk, lil hinn mid-drittijiet li l-Istati Membri huma obbligati jiggarantixxu lill-persuni kkonċernati skont l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2011/95, hemm lok jiġi enfasizzat li dan ma jista' jiġi interpretat bl-ebda mod fis-sens li din għandha l-effett li tinkoraġixxi lil dawn l-Istati sabiex jevitaw l-obbligi internazzjonali tagħhom, hekk kkif jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Genève, billi jillimitaw id-drittijiet li dawn il-persuni jisiltu minn din il-konvenzjoni.

109 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi ppreċiżat li, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 133 u 134 tal-konklużjonijiet tiegħu, u bħalma jikkonfermaw il-premessi 16 u 17 tad-Direttiva 2011/95, l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(4) sa (6) ta' din id-direttiva hija bla ħsara għall-obbligu, għall-Istat Membru kkonċernat, li josserva d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta, bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 7 tagħha, dwar ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, fl-Artikolu 15 tagħha, dwar il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol, fl-Artikolu 34 tagħha, dwar is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, kif ukoll fl-Artikolu 35 tagħha, dwar il-protezzjoni tas-saħħa.

110 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, minkejja li, taħt il-Konvenzjoni ta' Genève, il-persuni li jaqgħu taħt wieħed mill-każijiet deskritti fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 huma suġġetti, bis-saħħa tal-Artikolu 33(2) tal-imsemmija konvenzjoni, għal miżura ta' refoulement jew ta' tkeċċija lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u dan minkejja li ħajjithom jew il-libertà tagħhom ser tkun mhedda hemmhekk, min-naħa l-oħra tali persuni ma jistgħux, bis-saħħa tal-Artikolu 21(2) ta' din id-direttiva, jiġu ssuġġettati għal refoulement jekk dan iġib ir-riskju li d-drittijiet fundamentali tagħhom

stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 19(2) tal-Karta jiġu miksura. Dawn il-persuni, ċertament, jistgħu jkunu suġġetti, fl-Istat Membru kkonċernat, għal deċiżjoni ta' revoka tal-istatus ta' refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2011/95, jew ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' għoti ta' dan l-istatus, iżda l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet ma tistax taffettwa l-kwalità tagħhom ta' refuġjat meta huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali meħtieġa sabiex jitqiesu bħala refuġjati, fis-sens tal-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tagħha, u għaldaqstant, tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

111 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 hekk mogħtija tiżgura li l-livell minimu ta' protezzjoni previst mill-Konvenzjoni ta' Genève ma jiġix miksur, bħalma jeżiġu l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta.

112 Għaldaqstant ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-eżami tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95 ma wera ebda punt ta' natura li jaffettwa l-validità ta' dawn id-dispożizzjonijiet fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta.

**Fuq l-ispejjeż**

113 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-eżami tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ma wera ebda punt ta' natura li jaffettwa l-validità ta' dawn id-dispożizzjonijiet fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

Firem